# M I N U T I

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Floriana

## It-Tmien Leġiżlatura

## Laqgħa Numru 28

14 ta' Jannar 2021

It-tmienja u għoxrin (28) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Ħamis 14 ta' Jannar fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Floriana, 15, Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana.

Preżenti :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

Skużati:-

Membri tal-Pubbliku 0

Uffiċjal Preżenti :-

Malcolm Agius — Deputat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

28.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

28.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

28.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

28.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tas-seba' u għoxrin (27) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

28.2.2. Il-Kunsillier VB ressaq korrezzjoni ta' materja nru 27.3.6 li għandha taqra "Is-Sindku talbet lill-Kunsillier VB sabiex ikellem lis-Sa Claudette Gambin".

28.2.3. Il-Viċi Sindku GD ressqet mozzjoni issekondata mill-Kunsillier VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (GD, VB, DSH, JAE, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

28.2.4. Il-Kunsillier VB informa lill-Kunsill li kien ikkuntattja lis-Sa Gambin li min-naħa tagħha kienet informatu li t-turf ma kienx jikkwalifika għall-fondi minħabba li dan mhux sostenibbli. Minflok ipproponiet li l-Kunsill jikkunsidra taħwil ta' siġar jew arbuxelli.

28.2.4.1. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għad-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill biex issir sistema ta' irrigazzjoni bil-fondi li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu. Is-Sindku wieġbet li l-proġett għal sistema t'irrigazzjoni ma kienx jaqa' taħt il-fondi tal-UIF iżda taħt fond ieħor. Hija żiedet tgħid li peress li ma kienx hemm SE din l-aħħar sena, dan il-fond kien inżamm pendenti u ma kienx ġie implimentat. Is-Sindku talbet lis-SE sabiex jara jekk dan il-fond kienx għadu disponibbli.

28.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 27.2.3 rigward l-isleeping policeman u s-sinjali fit-Telgħa tal-Kurċifiss u Triq il-Kapuċċini. Is-Sindku qalet li kienet intalbet l-approvazzjoni ta' Transport Malta iżda kien għad m'hemmx risposta. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-Perit sabiex jilħaq ilesti il-pjanta sabiex ikun jista' jitħaffef ix-xogħol.

28.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 27.2.4 u staqsa jekk kienx hemm risposta rigward il-fanali ornamentali ta' fuq il-Fosos. Is-Sindku qalet li kienet qed tistenna risposta mill-Awtorità tat-Turiżmu rigward il-fanali ornamentali. Fir-rigward tal-laqgħa dwar il-Fosos, is-Sindku nformat li kienet tkellmet mal-Ministru José Herrera u għandhom jikkuntattjaw il-Kunsill sabiex tissejjaħ laqgħa kemm jista' jkun malajr.

28.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 27.8.2 u staqsa jekk kienx hemm risposta min-naħa ta' Transport Malta rigward l-istickers tan-no parking għal mal-bibien tal-garaxxijiet. Is-SE wieġeb li kien għadu ma rċieva xejn mingħand Transport Malta.

28.2.8. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-laqgħa pubblika tal-lokalità tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

28.2.9. Il-Viċi Sindku GD ressqet mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (GD, JAE, DSH, JP, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 28.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

28.3.1. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand NRGY Concepts li talbu permess biex jorganizzaw il-Malta International Food Festival 2021. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dejjem jekk sa dakinhar ikunu ġew rilaxxati il-miżuri dwar l-attivitajiet soċjali relatati mal-pandemija.

28.3.2. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-accountant tal-Kunsill, is-Sa Doreen Mintoff, fejn informat lill-Kunsill li kienet qed tirriżenja mil-kuntratt tagħha.

28.3.2.1. Is-Sindku informat li d-DSE kien iltaqa' magħha xi ftit tal-jiem qabel u matul l-istess ġimgħa kien ikkorrisponda magħha kemm-il darba. Is-Sindku qalet li kienet informat, anke b'mod formali, kemm lilha kif ukoll lid-DSE, li kienet ser tippreżenta r-rapport tal-kwart biex ikun approvat matul il-laqgħa iżda l-ġurnata ta' qabel kienet informathom li ma kienitx ser tlaħħaq tissottometti ir-rapport mitlub.

28.3.2.2. Is-Sindku żiedet tgħid li filgħaxija l-Kunsill kien irċieva l-korrispondenza tagħha fejn talbet li l-kuntratt jiġi terminat.

28.3.2.3. Is-Sindku kompliet billi qrat korrispondenza bejn l-accountant u d-DSE fejn id-DSE kien talabha xi affarijiet sabiex tiġi rranġata s-sistema għall-benefiċċju tal-Kunsill, liema talbiet ma kienux ġew aċċettati.

28.3.2.4. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-Avukat tal-Kunsill u jistenna l-linji gwida sabiex jara kif ser jipproċedi. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jitlob kwotazzjonijiet għal servizz ta' accountant sabiex ikun jista' jagħlaq is-sena.

28.3.2.5. Il-Kunsillier VB qal li din għandha sservi ta' tagħlima biex meta jkun hemm nuqqasijiet, il-Kunsill għandu jiċċarahom mill-ewwel. Is-Sindku DSH qalet li sfortunatament il-Kunsill kien għamel żmien twil mingħajr SE u dan kien affettwa. Id-DSE wieġeb li hu kien qed idur il-kuntratti wieħed wieħed sabiex jassigura ruħu li l-kuntratturi kollha kienu qed jonoraw il-kuntratt tagħhom.

28.3.3. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Ajax fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex iżommu l-laqgħa ġenerali tal-għaqda tagħhom fid-Dar tal-Kunsill, u dan minħabba li s-sala tagħhom ma kienitx kbira biżżejjed minħabba ir-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Is-Sindku nformat ukoll li l-kampjonat li kienu kellmu lill-Kunsill dwaru kien tħassar minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid-19.

28.3.4. Is-Sindku ressqet ċirkulari dwar il-European Labelling Governance Excellence. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu japplika.

28.3.5. Is-Sindku għamlet riferenza għal artiklu li deher fuq Lovinmalta dwar ħofor fit-Telgħa tal-Kurċifiss. Hija nformat li l-Kunsill kien bagħat risposta fejn informa li t-Telgħa tal-Kurċifiss ma kienitx mantenuta mill-Kunsill iżda minn Transport Malta u mill-Cleansing Department. Hija qalet li l-Kunsill kien dejjem ħa ħsieb jirranġa l-ħsarat ta' ħaddieħor.

28.3.5.1. Il-Kunsillier VB qal li l-problema kienet qed tiġi kkawżata minn vetturi li jipparkjaw fuq il-bankini. Huwa ressaq żewġ alternattivi fejn propona li jew isiru linji sofor jew inkella jiġu nstallati bollards, jew crash barriers baxxi, fuq iż-żewġ naħat tat-triq u dan sabiex jimpedixxi lill-vetturi milli jkunu jistgħu jipparkjaw.

28.3.5.2. Il-Kunsillier JAE qal li apparti li jitilgħu il-vetturi, xi snin ilu il-bankina kienet infaqgħet meta għamlet ħalba xita sew.

28.3.5.3. Is-Sindku proponiet li tintalab laqgħa ma' Transport Malta.

28.3.5.4. Il-Kunsillier JAE semma wkoll li jaf ikun hemm xi sadd. Is-Sindku qalet li tinsab infurmata li taħt it-triq kien hemm bħal shelters u jista' jkun li l-problema tkun ġejja minn hemmhekk.

28.3.5.5. Is-Sindku żiedet tgħid li ma tixtieqx li bħala kunsill tibqa' tidħol f'responsabbiltà li fl-aħħar mill-aħħar ma kienitx tal-Kunsill. Hija qalet li l-Kunsill għandu jħeġġeġ lil Transport Malta sabiex tinstab soluzzjoni għal din il-problema.

28.3.5.6. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq is-suġġerimenti tiegħu lil Transport Malta.

28.3.5.7. Is-Sindku informat li nel frattemp kienet tkellmet mal-kuntrattur tal-Kunsill sabiex jieħu ħsieb jirranġa dawn iċ-ċangaturi. Hija qalet li l-kuntrattur kien ordnahom u għandu jieħu ħsieb ibiddilhom mill-aktar fis possibbli.

28.3.6. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand residenta fejn ressqet ilment dwar skart li qed jinħareġ qabel il-ħin tal-ġabra. Hija ressqet suġġeriment sabiex titranġa wkoll il-bankina. Is-Sindku qalet li ma tantx hemm wisq x'jista' jagħmel il-Kunsill li diġà kien waħħal tabelli u bagħat ittri lir-residenti tal-madwar. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lil-LESA sabiex isir iktar infurzar f'din iż-żona.

28.3.7. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Sammut fejn informa lill-Kunsill bit-talba mressqa mill-Ambaxxata Taljana għal numru addizzjonali ta' spazji ta' parkeġġ riservati. Wara li ddiskuta il-Kunsill ma qabilx li għandu jagħti iktar spazji ta' parkeġġ riservati u dan minħabba li l-Ambaxxata diġà kellha sinjali sofor li jimpedixxu parkeġġ u għalhekk żgur li ma kienx qed ikun hemm ostakolazzjoni. Il-Kunsill qal ukoll li kien hemm

ukoll il-kaxxa tas-suldat li minnha nnifisha kienet qed tieħu spazju ta' parkeġġ ieħor, apparti l-ispazji ta' parkeġġ riservati li diġà kellhom.

28.3.8. Is-Sindku ressqet korrispondenza dwar il-proġett komunitarju mmexxi mill-Eċċellenza Tagħha il-President Marie Louise Coleiro Preca, fejn staqsew jekk il-Kunsill kienx identifika żona alternattiva għal dan il-proġett komunitarju.

28.3.8.1. Il-Kunsillier VB qal li kien ġie diskuss il-fatt li kien diġà għaddej proġett fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

28.3.8.2. Il-Kunsillier JAE ippropona l-green area ta' faċċata tal-monument ta' Dun Karm.

28.3.8.3. Is-Sindku qalet li tippreferi żona iktar magħluqa u inqas traffikuża u għalhekk proponiet Ġnien Vlhena.

28.3.8.4. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jipproponi Ġnien Vilhena u dan sabiex ikun hemm żewġ naħat tal-ġonna li jkunu jistgħu jintużaw mit-tfal.

28.3.9. Is-Sindku għamlet riferenza għan-niċċa li hemm fi Triq Nazzjonali u informat lill-Kunsill li l-persuna li kienet avviċinat lill-Kunsill kienet iffirmat ftehim mal-Kunsill sabiex tieħu ħsieb tirrestawra n-niċċa.

28.3.9.1. Il-Kunsillier VB staqsa jekk din in-niċċa tgħajjatx lil xi ħadd. Is-Sindku DSH qalet li ma kienx hemm mod kif tiċċekkja dan biss il-ftehim kien jistipula li l-Kunsill qed jagħti biss permess sabiex il-persuna tkun biss amministratur tan-niċċa u tagħmel il-manutenzjoni neċessarja mingħajr ebda dritt ieħor.

28.3.10. Is-Sindku qalet li kienu intalbu kwotazzjonijiet għal CCTV cameras taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jmur għall-irħas kwotazzjoni li hija ta' X li tammonta għal madwar €4470.

28.3.10.1. Il-Kunsillier VB staqsa dwar il-qawwa tal-kameras. Is-Sindku wieġbet li l-kwotazzjonijiet mitluba kienu kollha bi speċifikazzjonijiet simili.

28.3.11. Is-Sindku għamlet riferenza għall-proġett taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u qalet li d-dawl kien lest u jonqos biss li jaslu l-globi sabiex jitwaħħlu u jerġa' jinxtegħel il-ġnien.

28.3.11.1. Is-Sindku qalet li l-bozoz għandhom jinbidlu ladarba jaslu l-globi u dan sabiex isir fl-istess xogħol.

28.3.11.2. Is-Sindku nfurmat ukoll li kienet talbet lill-kuntrattur inaddaf sew il-latrini sabiex dawn ikunu jistgħu jinfetħu għall-pubbliku.

28.3.11.3. Fir-rigward tal-piċċ sintetiku, is-Sindku qalet li kienet ser terġa' tkellem lill-Perit.

28.3.11.4. Is-Sindku proponiet li appena jkun lest ix-xogħol imsemmi, isir opening żgħir sabiex tinfetaħ il-biċċa fejn hemm il-bandli tat-tfal. Hija proponiet biex

eventwalment meta jitlesta il-piċċ sintetiku, għandha ssir ċerimonja żgħira biex issir l-inawgurazzjoni tal-proġett.

28.3.11.5. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-globi għandhom jaslu lejn l-aħħar ta' Jannar u għalhekk għal nofs Frar, id-dawl tal-ġnien għandu jkun komplut. Hija qalet li s-sitwazzjoni tal-pandemija kienet laqtet lil kulħadd u kien għalhekk li kien hemm dewmien sabiex jitlesta l-proġett.

28.3.12. Is-Sindku informat lill-kunsilliera li kienet bagħtet messaġġ dwar laqgħa mal-Community Police u talbet sabiex jagħtuha risposta biex tkun tista' tmexxi.

28.3.13. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand resident li ilmenta li fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V kien qed ikun hemm xi klieb li jitħallew bla ċinga fil-piċċ sintetiku. Is-Sindku qalet li kien inqala' każ fejn kellhom jintervjenu il-Community Police. Is-Sindku qalet li l-persuna in kwistjoni kienet irribattiet li m'hemmx tabelli li jindikaw li ma jistgħux jidħlu klieb fil-piċċ sintetiku. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li ssir tabella li tindika li ma jistgħux jidħlu klieb fil-piċċ sintetiku u li l-klieb li jidħlu fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V għandhom ikunu biċ-ċinga.

28.3.14. Is-Sindku DSH qalet li fl-aħħar laqgħa li nżammet mal-Community Police, kienu ġew diskussi l-kamera fi Triq l-Argotti c/w Triq il-Mall u Triq Vincenzo Dimech c/w Triq il-Mall. Hija proponiet li tintalab kwotazzjoni biex dawn isiru. Il-Kunsillier VB fakkar li għandha ssir kamera in-naħa tal-Floriana Health Centre. Il-Kunsill qabel.

28.3.15. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienux intalbu kwotazzjonijiet għall-WiFi fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V, hekk kif propost fil-laqgħa preċedenti minħabba sigurtà. Id-DSE wieġeb li kien għadu ma talabx kwotazzjonijiet u s-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill jipprova jġib package għal kameras kollha msemmija inkluż il-Wifi taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

28.3.16. Is-Sindku għamlet riferenza għall-edizzjoni li jmiss tal-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat u qalet li din il-materja ma kienitx tpoġġiet fuq l-aġenda minħabba li kien għad hemm inċertezzi fuq x'se jiġri minħabba ċ-ċirkostanzi tal-pandemija.

28.3.17. Is-Sindku għamlet riferenza għal laqgħa li saret ma' rappreżentanti tal-Kurja fejn kienu proponew li minflok iħallsu fi flus il-permessi relatati mal-iscaffolding, jieħu ħsieb jinvestu fil-bankina ta' maġenb il-Kurja a spejjeż tagħhom. Wara li ddiskuta, il-Kunsill innota li kien diġà proġetta għax-xogħol ta' dik il-bankina fejn il-Kunsillier VB semma li l-Kunsill kien anke f'pussess ta' materjal tal-porfido. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier VB sabiex jivverifika mal-Kunvent tal-Kapuċċini dwar il-materjal tal-porfido. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' magħhom flimkien mal-Avukat tal-Kunsill sabiex jiġi determinat kif ser jipproċedu.

28.3.18. Is-Sindku għamlet riferenza dwar il-kwistjoni tal-bilanċ dovut minn Active Media u Mediatrendz. Hija nformat lill-Kunsill li l-Kunsill kien kitbilhom permezz tal-Avukat. Hija qalet li kienet iltaqgħet mas-Sur Franco Naudi li kien ċaħad l-ammont ta' barriers li l-Kunsill kien qed jinsisti li għandu. Fir-rigward ta' Sean Fitz, is-Sindku nformat li kienet għadha ma rnexxielix taqbdu biex tagħmel laqgħa miegħu.

## 28.4 RAPPORTI

28.4.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 28.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

28.5.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-bring in sites li hemm fil-lokal u staqsa jekk jistax jiżdied kontenitur ieħor tal-karta u l-plastik u dan minħabba li dawn iż-żewġ kontenituri kienu ta' sikwit ikunu mimlijin u mdawwrin b'ħafna iktar materjal mormi. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq it-talba lill-GreenMT u f'każ li ma jaċċettawx, il-Kunsill għandu jitlob li dawn il-bring in sites jitbattlu iktar ta' spiss.

28.5.1.1. Is-Sindku qalet li fi żmien il-Milied, tinsab infurmata li kienu bix-shutdown u forsi kien għalhekk li dawn kienu imtlew.

28.5.1.2. Il-Kunsillier JAE qal li dawn il-bring in sites jintużaw minn ħafna nies, anke dawk li ma jgħixux fil-lokal, u kien għalhekk li dawn jimtlew iktar milli suppost. Kien importanti għalhekk li tingħibed l-attenzjoni għal dan.

28.5.2. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienux ġew ordnati il-cat cafés. Id-DSE qal li kienu nformaw li l-Kunsill kien ġie mogħti estensjoni għal din l-iskema. Semma wkoll li kien tkellem ma' kuntrattur u ser jintbagħtulu l-qisien li hemm bżonn sabiex ikun jista' jibgħatilna kwotazzjoni.

28.5.3. Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm żvilupp rigward il-vouchers tal-ikel u dwar in-neutering. Is-SE qal li għandu jikkonferma mal-istaff amministrattiv biex jara jekk kienx hemm żviluppi dwar dan.

28.5.4. Is-Sindku informat lill-kunsillier responsabbli mill-edukazzjoni li kienu waslu l-kotba tal-ewwel klassi u talbet li dawn jieħdu ħsieb jintbagħtu peress li minħabba l-pandemija, ma setgħux jiġu preżentati bħalma soltu jsir. Il-Kunsillier JAE issuġġerixxa li jintalbu xi ritratti sabiex ikunu jistgħu jittellgħu fil-paġna tal-Kunsill.

28.5.5. Il-Kunsillier VB staqsa jekk kienux waslu l-kotba li kien ordna l-Kunsill rigward l-Ark fil-Floriana. Id-DSE ikkonferma li dawn kienu waslu xi ftit tal-jiem qabel.

## 28.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

28.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 28.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

28.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 19/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

28.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku GD u issekondata mill-Kunsillier VB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

28.7.2. Is-Sindku DSH ippreżentat lista ta' pagamenti ta' petty cash li nħarġu matul ix-xahar ta' Diċembru.

28.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku GD u issekondata mill-Kunsillier VB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-lista tal-petty cash, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 28.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tar-Raba' Kwart tas-Sena 2020

28.8.1. Is-Sindku nformat li r-rapport finanzjarju tar-raba' kwart għandu jitressaq għall-approvazzjoni appena jkun konkluż.

## 28.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Estimi Annwali għas-Sena 2021

28.9.1. Is-Sindku preżentat l-Estimi Annwali għas-Sena 2021.

28.9.2. Tressqet mozzjoni favur l-approvazzjoni tal-Estimi Annwali għas-sena 2021 mill-Viċi Sindku GD, issekondata mill-Kunsillier VB, bir-riżultat kien:

Favur: 5 (GD, VB, DSH, JAE, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 28.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Performance Bonus Appraisal tal-impjegati

28.10.1. Is-Sindku ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Performance Appraisal Reports tad-Deputati Segretarji Eżekuttivi u tal-impjegati tal-Kunsill. Wara li ddiskuta dawn ir-rapporti, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jingħata l-massimu ta' 10% lid-Deputati Segretarji Eżekuttivi u 6% lill-impjegati.

28.10.2. Is-Sindku ressqet ukoll l-approvazzjoni tal-performance appraisal ta' impjegata tal-Community Workers Scheme. Is-Sindku qalet li kienet issejħet laqgħa xi xhur ilu fejn inġibdet l-attenzjoni tal-impjegata biex tibda' tuża l-kompjuter u tgħin lill-kollega tagħha fil-customer care. Hija qalet li l-Kunsill kien anke bagħat lil din l-impjegata kors tal-ECDL iżda l-impjegata baqgħet tirrifjuta. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandha tingħata l-minimu ta' 70%.

## 28.11 Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew Raħal Kulturali tas-Sena 2022

28.11.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill b'ċirkolari mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn offrew lill-kunsilli interessati jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom. Is-Sindku proponiet li jkun aħjar li l-Kunsill jieħu ħsieb jibgħat l-applikazzjoni tiegħu hu u dan minħabba li bir-riforma, il-Kunsill Lokali Floriana jaf jitneħħa mir-Reġjun Xlokk.

## 28.12 Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2020/2021

28.12.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill bi skema dwar restawr ta' postijiet jew monumenti storiċi 2020/2021. Il-Kunsill qabel li għandu japplika.

28.12.2. Is-Sindku proponiet li jsir restawr ta' San Publju tal-ġebel li hemm fi Triq San Publju. Il-Kunsillier JAE propona li l-Kunsill jivverifika mal-Knisja sabiex jara jekk hux se jsir xi restawr min-naħa tagħhom.

28.12.3. Is-Sindku talbet lill-kunsilliera sabiex jgħaddu l-opinjonijiet tagħhom sad-data tal-għeluq.

28.12.4. Il-Kunsillier VB propona li tiġi restawrata l-Polverista dejjem jekk hemm fondi biżżejjed. Is-Sindku qalet li ma jidhirx li kien hemm biżżejjed fondi allokati biex isir tali proġett.

## 28.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

28.13.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.50pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-15 ta' Frar 2021 fil-5pm.

**Konfermati, illum ___________________________________**

**(iffirmata)**

Davina Sammut Hili
Sindku

**(iffirmata)**

Malcolm Agius
Deputat Segretarju Eżekuttiv